15 ta' Marzu, 1941.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Paolo Psaila** *versus* **Salvatore Sacco**

**Ċessjoni — Inkwilinat — Forma — Nullità.**

***Il-ċessjoni ta' drittijiet ma tistax issir jekk ma tkunx saret bil-miktub.***

***Fil-każ, iċ-ċessjoni kienet tad-dritt ta' l-inkwilinat ta' għalqa, li ġiet dikjarata nulla għax il-ftehim ma kienx bil-miktub u għalhekk ġuridikament ma kienx jorbot lill-partijiet.***

L-attur fit-taħrika qal li bejn il-kontendenti sar ftehim illi bih huwa ċeda lill-konvenut id-dritt ta' l-inkwilinat tal-għalqa "Ta' Hassejjak", limiti tal-Qrendi, bil-prezz ta' £50, bil-kondizzjoni li l-konvenut iħallsu l-prezz tad-demel li kien hemm fl-istess għalqa; li dan il-ftehim ma sarx bil-miktub; u li hu nterpella inutilment lill-konvenut diversi drabi sabiex ma jibqax jaħdem l-imsemmija għalqa; u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, speċjalment id-dikjarazzjoni illi ċ-ċessjoni tad-dritt ta' l-inkwilinat tal-għalqa fuq imsemmija hija nulla, il-konvenut jiġi kundannat, minn din l-Onorabbli Qorti li jiżgombra l-għalqa "Ta' Hassejjak", limiti tal-Qrendi, li qiegħed jokkupa mingħajr titolu. L-istanti jirriżerva kwalunkwe dritt għad-danni li jikkompetu lilu kontra l-konvenut, kawżati mill-okkupazzjoni fuq imsemmija;

*Omissis;*

Mill-kumpless tal-provi rriżulta li bejn il-kontendenti kien sar ftehim bil-forma li l-attur awwel lill-imħarrek il-qbiela tal-

għalqa in kwistjoni bil-prezz ta' £50 u b'kumpens għad-demel. Il-Prokuratur tal-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani tar Rabat, li huwa sid il-għalqa, mitlub mill-kontendenti, akkonsenta li jagħraf bħala gabillot; ċessjonarju tal-għalqa lill-imħarrek kemm il-darba l-kontendenti kienu ftehmu bejniethom fuq il-pattijiet *tat-twellija*, u bil-patt li l-imħarrek iħallas il-qbiela fuq stima ġdida ta' perit. L-imħarrek aċċetta li jħallas fuq l-istima, il-kontendenti qalu lil dak il-prokuratur li kienu miftehmin, u l-istima saret. Iżda ġara li fil-fatt il-kontendenti kienu għadhom ma ftehmux fuq il-prezz tad-demel; u l-imħarrek *ippretenda li tad-demel ma kellu* jħallas xejn, għax *qal* li l-£50 kienu għad-demel ukoll. Għaldaqstant l-attur kompla jħallas il-qbiela u għamel kuntratt ġdid mal-prokuratur tal-Kunvent; u ma riedx joqgħod għat-twellija. L-imġieba ta' l-imħarrek turi *li ma riedx joqgħod* għall-ftehim, jew li ma kienx hemm ftehim sewwa minħabba ekwivoku; u fiż-żewġ ipotesijiet rabta iżjed u definitiva ma setax kien hemm. Iżda jekk ftehim ta' rabta kien hemm, dana ġuridikament ma kienx jorbot lill-kontendenti; għax bħala twellija ta' drittijiet il-ftehim kellu *jsir bil-miktub taħt il-piena ta' nullità*, u *miktub* ma kienx hemm. Ir-rikonoxximent li wiegħed il-prokuratur tal-Kunvent kien kondizzjonat għall-ftehim definitiv bejn il-kontendenti; u fil-fatt veru rikonoxximent lanqas ma kien hemm, għax dak *il-prokuratur kien ried li jsir* kuntratt, u l-kuntratt mar għamlu ma' l-attur biss, u lil dan ġeddidlu l-qbiela;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet u taghti lill-imħarrek xahar żmien biex jiżgombra. L-ispejjeż ibatihom l-imħarrek.